Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,087, 18 ta' Lulju, 2023
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXVIII tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum, Kap. 156, biex jipprovdi dwar il-proprjetà tal-petroleum u sabiex jaħseb dwar prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni tal-petroleum u għal skopijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

ACT No. XXVIII of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Petroleum (Production) Act, Cap. 156 to provide for the ownership of petroleum and to make provision with respect to prospection, exploration and production of petroleum and for purposes connected with the matters aforesaid.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

18 ta' Lulju, 2023

ATT Nru XXVIII tal-2023

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum, Kap. 156, biex jipprovdi dwar il-proprjetà tal-petroleum u sabiex jaħseb dwar prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni tal-petroleum u għal skopijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 156.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Sostituzzjoni tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Tifsir.

2. F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"applikant" tfisser entità li tippreżenta applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja kif hawn f'dan l-Att;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ta' Malta, jew kull korp ieħor jew persuna oħra li l-Ministru jista' jistabbilixxi u jinnomina bħala l-awtorità kompetenti għal finijiet differenti skont dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att;

"entità" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni bħal dawk, inkluża kumpanija b'responsabbiltà limitata mwaqqfa taħt l-Att dwar il-Kumpaniji, jew korp magħqud bħal dak imwaqqaf jew inkorporat barra minn Malta, li japplika għal, x'aktarx li japplika għal jew ikollu liċenzja b'mod konformi ma' dan l-Att;

Kap. 386.

"esplorazzjoni" tfisser it-tfittix għall-petroleum b'kull metodu adatt li jista' jkun jinkludi t-tħaffir;

"ibħra interni" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-artikolu 2 tar-Regolamenti dwar il-Blata Kontinentali;

L.S. 535.02.

"ibħra territorjali" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa;

Kap. 226.

"liċenzja" tfisser setgħa mogħtija b'mod konformi ma' dan l-Att;

"Malta" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tinkludi qiegħ il-baħar u s-sottoswol taż-żona taħt il-baħar fil-limiti tal-ibħra interni u tal-ibħra territorjali ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Prim Ministru ta' Malta u tinkludi lil kull Ministru ieħor, uffiċjal pubbliku jew awtorità li jistgħu jiġu awtorizzati minnu, minn żmien għal żmien, għal kull għan ta' dan l-Att;

"petroleum" tfisser l-idrokarburi kollha solidi, likwidi jew gassużi li jkunu jeżistu fl-istat naturali tagħhom, inkluż iż-żejt mhux raffinat jew gażolina naturali, gassijiet naturali minn idrokarburi kif ukoll kull minerali jew sustanza relatati li jiġu prodotti flimkien ma' dawk l-idrokarburi;

"prodotti sekondarji" tfisser dawk il-prodotti li jiġu derivati mill-ipproċessar tal-petroleum;

"produzzjoni" tfisser l-iżvilupp u l-estrazzjoni tal-petroleum jew kull trattament biex jitħejja għas-suq u l-ħażna u l-ġarr tal-petroleum u tal-prodotti sekondarji tiegħu lejn l-istallazzjonijiet ta' tagħbija mnejn jittieħed bnadi oħra. Kull trattament imsemmi f'din it-tifsira ma jinkludix ir-raffinar;

"prospettar" tfisser it-tentattiv biex jinsab il-petroleum f'xi żona speċifika b'xi metodu ieħor li ma jkunx it-tħaffir.".

3. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"Tqegħid tal-proprjetà tal-petroleum f'idejn il-Gvern ta' Malta.

(1) Il-proprjetà ta' kull petroleum kull fejn jinsab f'Malta hija hawnhekk b'dan l-Att mogħtija f'idejn il-Gvern ta' Malta. Il-Gvern ta' Malta għandu kull dritt sovran, ġurisdizzjoni u esklussività għall-għanijiet tal-ipprospettar għal, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-petroleum f'Malta. Id-dritt għall-ipprospettar, esplorazzjoni u, jew produzzjoni tal-imsemmi petroleum għandu jkun soġġett għal liċenzja maħruġa taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kelma "persuna" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "entità", il-kliem "tfittex jew tħaffer jew ittaqqab għal jew testratta petroleum fuq, taħt jew minn Malta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tipprospetta għal u, jew tesplora għal u, jew tipproduċi l-petroleum minn Malta" u fit-tieni proviso tiegħu l-kelma "persuna" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "entità"; u

(ċ) fil-proviso għas-subartikolu (3) tiegħu l-kelma "ħadd" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "entità".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 3 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Kif jiġu stabbiliti ż-żoni fejn jitwettqu l-attivitajiet u meta jiġi miċħud il-permess għall-aċċess minħabba fis-sigurtà nazzjonali.

3A. (1) Il-Ministru għandu jżomm id-dritt li jistabbilixxi ż-żoni f'Malta fejn jitwettqu l-attivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-petroleum.

(2) Kull meta żona ssir disponibbli biex fiha jitwettqu l-attivitajiet stipulati fis-subartikolu (1), il-Ministru għandu jiżgura li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn entitajiet dwar l-aċċess lejn u t-twettiq ta' dawn l-attivitajiet.

(3) Il-Ministru jista', għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, jiċħad milli jħalli l-aċċess lejn u t-twettiq tal-attivitajiet imsemmija fis-subartikolu (1), lil xi entità li tkun effettivament kontrollata minn pajjiżi terzi jew minn ċittadini ta' xi pajjiż terz.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Liċenzji għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-*petroleum*.

4. (1) Il-Ministru jkollu s-setgħa li joħroġ lill-applikant magħżul, liċenzja għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-petroleum f'Malta.

(2) Kull liċenzja bħal dik għandha tinħareġ għal dak il-ħlas (bħala dritt, *royalty*, dħul, profitt mill-bejgħ jew disponiment tal-petroleum u, jew xort'oħra) hekk kif il-Ministru jista' jistabbilixxi, u fl-inħawi ta' dawk iż-żoni, għal dawk il-perjodi u b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu stipulati fis-sejħa għall-applikazzjonijiet u fil-liċenzja sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni kif suppost tal-attivitajiet li jkollhom liċenza:

Iżda l-Ministru jista' jimponi xi kondizzjonijiet u ħtiġijiet fil-liċenzja f'dak li għandu x'jaqsam, iżda mhux biss, mas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika, is-sigurezza tat-trasport, il-protezzjoni tal-ambjent, il-protezzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi u ta' teżori nazzjonali li jkollhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, is-sigurtà ta' stallazzjonijiet u tal-ħaddiema, l-immaniġġar ppjanat ta' riżorsi tal-petroleum bħalma huma r-rata li biha l-petroleum jiġi eżawrit jew l-aħjar mod kif dan jiġi irkuprat jew il-ħtieġa li jiġi assigurat kull dħul ta' taxxa.

(3) Iż-żmien ta' validità tal-liċenzja ma għandux jaqbeż il-perjodu meħtieġ biex jintemmu l-attivitajiet speċifikati fil-liċenzja:

Iżda l-Ministru jista' jġedded jew itawwal iż-żmien tal-liċenzja għal dak il-perjodu ta' żmien li jista' jkun meħtieġ għat-tmexxija kif imiss tal-obbligi tax-xogħol speċifikati fil-liċenzja:

Iżda wkoll id-detentur tal-liċenzja ma għandux iżomm f'idejh jeddijiet esklussivi fl-inħawi taż-żona li jkollha liċenzja għal żmien itwal minn dak meħtieġ għat-twettiq xieraq tal-attivitajiet li jkollhom liċenzja.".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

6. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"Setgħat tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal kwalunkwe obbligazzjoni internazzjonali li l-Gvern ikun daħal fiha, il-Ministru jista' jagħmel regolamenti b'mod ġenerali dwar:

(a) il-liċenzjar u r-regolamentazzjoni tal-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' petroleum f'Malta, inkluża l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-petroleum;

(b) it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv, magħmul minn persuni kwalifikati fis-suġġett relevanti, biex jagħti pariri u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar kull ħaġa li tirrigwarda l-ħruġ ta' liċenzja, ir-regolament u l-monitoraġġ tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali u kull ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam ma' dan l-Att;

(ċ) it-tnaqqis sa fejn hu possibbli milli jiġru inċidenti kbar li jkollhom x'jaqsmu ma' operazzjonijiet li jinvolvu ż-żejt u l-gass lil hinn mill-kosta u biex jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom filwaqt li jkunu qegħdin isiru dawk l-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni;

(d) tħejjijiet għall-possibilità li jinħarġu awtorizzazzjonijiet lil uffiċjali pubbliċi jew lil entitajiet oħra sabiex dawn jiżguraw li dan l-Att ikun qed jiġi applikat u biex iwettqu spezzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u kull azzjoni oħra anċillari li tista' tkun meħtieġa sabiex jiġu implimentati kif imiss id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; u

(e) it-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda, partikolarment, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi hawn qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu jkunu jippreskrivu:

(i) il-mod kif isiru, u l-entitajiet li jistgħu jagħmlu, applikazzjonijiet għal liċenzji taħt dan l-Att;

(ii) id-drittijiet li għandhom jitħallsu ma' kull applikazzjoni bħal dik;

(iii) il-kondizzjonijiet li jirrigwardaw il-qies u l-forma ta' żoni li dwarhom jistgħu jinħarġu liċenzji;

(iv) klawsoli mudell li għandhom, kemm-il darba il-Ministru ma jidhirlux li jkun sew li jiġu modifikati jew esklużi f'xi każ partikolari, jiġu inkorporati f'xi liċenzja bħal dik;

(v) kull ħaġa li teħtieġ jew li tista' tiġi preskritta taħt dan l-Att,

u jista' jipprovdi dwar l-inqas u l-akbar pieni, sew bħala multa jew ta' priġunerija, li għandhom jingħataw għal kull nuqqas ta' ħarsien ta' xi regolament magħmul taħt dan l-artikolu:

Iżda wkoll kull piena li tiġi preskritta fir-regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu ma għandhiex tkun ta' inqas minn multa ta' għaxart elef euro (€10,000) u ma għandhiex tkun iżjed minn multa ta' żewġ miljun euro (€2,000,000), jew priġunerija ta' mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, għal kull nuqqas ta' ħarsien ta' xi regolament bħal dawk:

Iżda wkoll meta l-att li jikkostitwixxi r-reat ikompli għaddej għal aktar minn jum wieħed, il-Qorti tista' wkoll timponi multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) għal kull jum li matulu jibqa' għaddej dak r-reat u dik il-multa għandha tkun tapplika wkoll għall-finijiet tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali:

Kap. 9.

Iżda wkoll il-Ministru jista' jistabbilixxi regolamenti differenti għal tipi ta' liċenzji differenti u jipprovdi kondizzjonijiet li jkunu jorbtu lid-detenturi tal-liċenzja biex ikunu finanzjarjament responsabbli għal kull prevenzjoni u rimedjazzjoni ta' kull ħsara, inkluża ħsara li ssir lill-ambjent, kaġunata bl-ipprospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' *petroleum* f'Malta.".

7. Minnufih wara l-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandhom jiġu miżjuda dawn l-artikoli ġodda li ġejjin: Żieda ta' artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

"Parteċipazzjoni statali f'attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni tal-*petroleum*.

5A. (1) Il-Gvern ta' Malta jew kull entità li fiha l-Gvern ta' Malta jkollu maġġoranza tal-ishma, ikollhom id-dritt li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni tal-*petroleum* hekk kif jingħad fil-liċenzji maħruġin taħt dan l-Att.

(2) Il-parteċipazzjoni tal-Gvern ta' Malta f'attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni tal-*petroleum* tista' tiġi mmaniġġjata mill-Gvern innifsu jew minn xi persuna ġuridika li l-Ministru jista' jippreskrivi b'ordni pubblikat fil-Gazzetta.

(3) Ir-regoli dwar il-ħlas imsemmi fis-subartikolu (2) tal-artikolu 4, kif ukoll kull ħtieġa dwar il-parteċipazzjoni tal-Gvern, għandhom jiġu stabbiliti mill-Ministru b'tali mod li jkunu jiżguraw li tinżamm l-indipendenza tal-immaniġġjar tal-entitajiet.

(4) Meta l-ħruġ ta' liċenzja jkun soġġett għall-parteċipazzjoni tal-Gvern fl-attivitajiet u meta persuna ġuridika tkun ġiet fdata biss bl-immaniġġjar ta' din il-parteċipazzjoni, jew meta l-Gvern innifsu jimmaniġġja l-parteċipazzjoni, la l-persuna ġuridika u lanqas il-Gvern m'għandhom jinżammu milli jassumu d-drittijiet u l-obbligi assoċjati ma' parteċipazzjoni bħal dik:

Iżda:

(a) il-persuna ġuridika jew il-Gvern m'għandu jkollhom la sehem f'xi informazzjoni u lanqas jeddijiet ta' votazzjoni f'deċiżjonijiet dwar sorsi ta' akkwist għall-entitajiet;

(b) il-persuna ġuridika jew il-Gvern flimkien ma' xi entità m'għandhomx jeżerċitaw dritt ta' maġġoranza tal-vot fuq deċiżjonijiet oħra; u

(ċ) kull vot mill-Gvern jew mill-persuna ġuridika għandu jkun esklussivament ibbażat fuq prinċipji trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji u ma għandhomx iċaħħdu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-immaniġġjar tal-entità milli dawn ikunu bbażati fuq prinċipji kummerċjali normali.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-persuna ġuridika jew il-Gvern jistgħu jopponu deċiżjoni mid-detenturi tal-liċenzja li ma tkunx konformi mal-kondizzjonijiet u l-ħtiġijiet speċifikati fil-liċenzja, dwar il-politika ta' eżawriment u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji ta' Malta:

Iżda, l-għażla li deċiżjoni tiġi opposta għandha titwettaq b'mod mhux diskriminatorju, partikolarment dwar deċiżjonijiet fuq l-investment u l-għejjun ta' provvista tad-detenturi tal-liċenzji, kemm-il darba dawn ma jkunux saru bi ksur tal-liġijiet nazzjonali jew tad-dritt internazzjonali.

(6) Meta l-parteċipazzjoni tal-Gvern fl-attivitajiet tkun immaniġġjata minn persuna ġuridika, li tkun ukoll detentur tal-liċenzji, għaldaqstant:

(a) il-persuna ġuridika għandha żżomm kontijiet separati għar-rwol kummerċjali u għar-rwol tagħha bħala amministratur tal-parteċipazzjoni tal-Gvern; u

(b) il-persuna ġuridika għandha tiżgura li ma jkun hemm ebda fluss ta' informazzjoni mingħand il-parti tal-persuna ġuridika responsabbli għall-immaniġġjar tal-parteċipazzjoni tal-Gvern lill-parti tal-persuna ġuridika li żżomm il-liċenzja.

(7) Meta l-parti tal-persuna ġuridika responsabbli għall-immaniġġjar tal-parteċipazzjoni tal-Gvern tqabbad lill-parti tal-persuna ġuridika li żżomm il-liċenzji bħala konsulent, tal-ewwel tista' tagħmel disponibbli kull informazzjoni meħtieġa għax-xogħol ta' konsulenza li għandu jsir. Id-detenturi ta' kull liċenzja li l-informazzjoni jkollha x'taqsam magħha għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar liema informazzjoni tkun ser tingħata b'dan il-mod, sabiex

dawn ikollhom żmien biżżejjed biex jagħmlu l-oġġezzjonijiet tagħhom, li għandhom jiġu ppreżentati lill-Ministru u jkun il-Ministru li mbagħad jiddeċiedi dwar il-kwistjoni wara li jkun sema' x'għandhom xi jgħidu ż-żewġ partijiet.

(8) Il-Ministru għandu jiżgura li l-monitoraġġ tal-entitajiet li tinħarġilhom liċenzja jkun limitat għal dak meħtieġ sabiex tiġi żgurata konformità mal-kondizzjonijiet, ħtiġiet u obbligi msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 4 u għandu partikolarment jiżgura li ebda detentur tal-liċenzja ma jkun meħtieġ jipprovdi informazzjoni dwar is-sorsi ta' akkwist maħsuba jew attwali tiegħu ħlief fuq talba tal-Ministru sabiex jiżgura konformità mal-liġijiet nazzjonali u internazzjonali.

Pubblikazzjoni u komunikazzjoni tar-rapport annwali.

5B. Il-Ministru għandu jippubblika u jikkomunika rapport annwali lill-Kummissjoni Ewropea li jkun fih informazzjoni dwar iż-żoni ġeografiċi li jkunu nfetħu għall-ipprospettar, esplorazzjoni u produzzjoni, liċenzji maħruġa, entitajiet li jkunu detenturi ta' liċenzji u l-kompożizzjoni tagħhom u r-riżervi stmati li jkunu jinsabu f'dawn iż-żoni sakemm ma tiġix pubblikata informazzjoni li tkun kummerċjalment konfidenzjali.

Trasferiment ta' liċenza jew assenjazzjoni tad-drittijiet li jitnisslu mil-liċenzja.

5Ċ. (1) L-ebda detentur tal-liċenzja ma jista' jittrasferixxi liċenzja jew jassenja drittijiet li jitnisslu mil-liċenzja lil xi entità oħra, ħlief bil-kunsens bil-miktub tal-Ministru, li jista' jingħata jekk:

(a) dan ma jkunx jikkomprometti s-sigurtà nazzjonali;

(b) il-Ministru jkun sodisfatt li l-entità li lilha tkun ser tiġi trasferita l-liċenzja jew li lilha ikunu ser jiġu assenjati d-drittijiet li jitnisslu mil-liċenzja, ikollha għarfien tekniku, esperjenza u riżorsi finanzjarji biżżejjed biex jassiguraw li l-attivitajiet tal-ipprospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' *petroleum* isiru kif imiss;

(ċ) l-entità li lilha tkun ser tiġi trasferita l-liċenzja jew li lilha ikunu ser jiġu assenjati d-drittijiet li jitnisslu mil-liċenzja, tintrabat li tħares dawk il-kondizzjonijiet u ħtiġiet oħrajn li l-Ministru jista' jqis li jkun xieraq li jimponi.

(2) Kull detentur tal-liċenzja li jittrasferixxi liċenza jew jassenja d-drittijiet li jitnisslu mil-liċenzja mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Ministru ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux iżjed minn żewġ miljun euro (€2,000,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "Kull min ikun ingħata lilu liċenzja skont dan l-Att jista' jitlob" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kull entità li tkun ingħatatilha liċenzja skont dan l-Att tista' titlob", il-kliem "lill-President ta' Malta il-permess li jeżamina" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Awtorità tal-Artijiet il-permess li teżamina", il-kliem "tal-President ta' Malta l-eżami" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet l-eżami", il-kliem "il-President ta' Malta jista' jiddikjara" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet jista' jiddikjara", il-kliem "l-Accountant General jista' jagħti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tal-Artijiet tista' tagħti" u kliem "taħt l-artikolu 8(1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi jew taħt xi liġi oħra li temenda dak is-subartikolu jew li ssir minfloku," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt is-subartikolu (1) tal-artikolu 37 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern jew taħt xi liġi oħra li temenda jew tissostitwixxi lill-istess subartikolu,";

Kap. 88.

Kap. 573.

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "lill-President ta' Malta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "liċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet", il-kliem "il-President ta' Malta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dak iċ-Chairperson", il-kliem "Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Att dwar Artijiet tal-Gvern", il-kliem "tbiddel dik l-Ordinanza," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tbiddel dak l-Att,", il-kliem "*Accountant General* jista', meta jasal iż-żmien, jagħmel" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità tal-Artijiet tista', meta jasal iż-żmien, tagħmel" u l-kliem "jakkwista l-art kif hemm f'dik l-Ordinanza" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "takkwista l-art kif hemm f'dak l-Att";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, kull fejn tokkorri l-kelma

"*section*" fil-verżjoni bl-Ingliż biss, għandha tiġi sostitwita bil-kelma "article", kull fejn jokkorru l-kliem "*Accountant General*" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Awtorità tal-Artijiet", il-kliem "għandu jitlob lilu sabiex jagħmel ftehim miegħu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandha titolbu jagħmel ftehim magħha", u l-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) kull meta tkun saret xi ħaġa jew tista' ssir xi ħaġa taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 37 tal-Att dwar
Kap. 573. Artijiet tal-Gvern jew taħt xi dispożizzjoni ta' liġi li temenda jew li tissostitwixxi lill-istess subartikolu, mill-Awtorità tal-Artijiet jew f'isimha, il-ħlas lill-Awtorità tal-Artijiet għal kull ħsara, li għandha tiġi iffissata skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 37 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern."; u

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-kelmiet u l-frażijiet li jinsabu f'dan l-artikolu għandhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra, ikollhom l-istess tifsira bħalma
Kap. 573. għandhom fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern jew f'xi liġi oħra li temenda jew li tissostitwixxi lill-istess Att.".

Żieda ta' artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

9. Minnufih wara l-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandhom jiġu miżjuda dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Kif japplika għall-blata kontinentali.

Kap. 535.

7. Kull dispożizzjoni rilevanti ta' dan l-Att għandha tapplika *mutatis mutandis* għall-blata kontinentali kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Blata Kontinentali.

Ħatra ta' awtoritajiet kompetenti.

8. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u r-regolamenti magħmulin taħtu, il-Ministru jista' jaħtar lil kull persuna bħala awtorità kompetenti għall-finijiet tal-implimentazzjoni u għall-eżerċizzju ta' kull jedd u dmir imħaddna fihom.

Dispożizzjoni transitorja.

Att numru XXVIII tal-2023.

9. Kull riferenza għal "l-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum*" f'xi liċenzja, kuntratt jew ftehim li għandu x'jaqsam mal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' *petroleum*, li l-Gvern ta' Malta jkun parti fih, li jkun inħareġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jibqa' jiġi amministrat u regolat kif jingħad fl-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum* kif kien fis-seħħ qabel l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum*.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 148 tat-12 ta' Lulju, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati